# IT-TIELET PARTI —

# QORTI TAL-KUMMERĊ

**14 ta' Jannar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Falliment ta' Żerald Zampa

**Falliment — Sentenza — Impunjazzjoni — Simulazzjoni — Frode — Verifikazzjoni tal-Krediti — Kompetenza.**

*Salvi xi eċċezzjonijiet, hija ammessa, in ġenere, l-oppożizzjoni kontra sentenza li tippreġudika d-drittijiet tat-terzi opponenti. Imma fil-każ ta' kredituri ta' persuna falluta, dawn, bħala aventi kawża tad-debitur tagħhom, huma rappreżentati fil-kawżi tiegħu, u għalhekk ma jistgħux jagħmlu "opposizione di terzo" kontra s-sentenzi pronunzjati fl-istess kawżi.*

*B'dan kollu, meta dik ir-rappreżentanza, bl-identità u konfużjoni ta' interessi li magħhom hija konnessa, tiġi n'eqsa b'effett tad-dolo tad-debitur u tal-kollużjoni tiegħu għaddannu tal-kredituri, il-kredituri jistgħu jagħmlu dik l-oppożizzjoni; u għalhekk, fil-verifikazzjoni tal-krediti ma jistgħux jiġu kontestati l-krediti ġa aċċertati b'sentenza li għaddiet ġudikat, ammenokkè din is-sentenza ma tiġix impunjata għal simulazzjoni jew frode.*

*Fil-każ li ssir din l-impunjazzjoni, is-sede kompetenti hija dik fallimentari.*

Il-Qorti: Rat in-nota tal-kuratur li biha, riferibbilment għall-kreditu reklamat minn Agnese Scerri (fol. 129), eċċepixxa li l-kanonizzazzjoni tal-istess kreditu b'sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Diċembru 1955 ġie ottenut b'mezzi frawdolenti adoperati mill-partijiet fil-kawża, u kwindi l-istess kuratur għamel oppożizzjoni kontra dik is-sentenza, u talab illi l-kreditu jiġi verifikat fil-preżenti stadju ta' verifikazzjoni tal-krediti f'dawn il-proċeduri fallimentari (fol. 350);

Rat il-verbal li minnu jirriżulta li l-kredituri, barra minn Agnese Scerri, għamlu tagħhom l-eċċezzjoni u t-talba tal-kuratur;

Billi d-difensur tal-imsemmija Agnese Scerri ssottometta illi ma tistgħax issir oppożizzjoni kontra l-imsemmija sentenza, u, jekk qatt dik l-oppożizzjoni tista' ssir, din mhix is-sede kompetenti;

Semgħet fuq din il-kwistjoni lill-Avv. Dr. G.G. Gatt għall-kuratur u lid-difensuri tal-kredituri;

Ikkunsidrat;

Illi, salvi xi eċċezzjonijiet, hija ammessa in ġenere l-oppożizzjoni kontra sentenza li tippreġudika d-drittijiet tat-terzi opponenti (Mattirolo IV, 881);

Illi, riferibbilment għall-kredituri, il-Professur Antonio Cicu jikteb fil-Kumment għall-Falliment (Codice di Commercio Commentato, Vol. IX, 497), illi dawn, bħala aventi kawża tad-debitur tagħhom, huma rappreżentati fil-kawżi tiegħu, u għalhekk ma jistgħux jagħmlu "opposizione di terzo" kontra s-sentenzi pronunzjati fl-istess kawżi; iżda, ikompli jikteb l-imsemmi kommentatur, meta dik ir-rappreżentanza, bl-identità u konfuzjoni ta' interessi li magħhom hija konnessa tiġi nieqsa b'effett tad-dolo tad-debitur u tal-kollużjoni tiegħu għad-dannu tal-kredituri, il-kredituri jistgħu jagħmlu dik l-oppożizzjoni;

Illi għalhekk, fil-verifikazzjoni tal-krediti ma jistgħux jiġu kontestati l-krediti ġa aċċertati b'sentenza li għaddiet f'ġudikat, ammenokkè din is-sentenza ma tiġix impunjata għal simulazzjoni jew frodi; għal liema impunjattiva, ikompli jikteb il-Professur Cicu, is-sedi kompetenti hija l-fallimentari;

Illi, konformement għal dak li fuq ġie rilevat, billi l-kuratur u l-kredituri qegħdin jagħmlu oppożizzjoni għas-sentenza fuq riferita minħabba frodi jew kollużjoni;

Tiddikjara illi l-istess oppożizzjoni kontra l-istess sen-

tenza fuq riferita hija ammessa, u li s-sede kompetenti għall-impunjazzjoni ta' dik is-sentenza, għar-raġuni fuq riferita, hija dik fallimentari, fl-istadju tal-verifikazzjoni tal-krediti.